# IT-TIELET PARTI — QORTI TAL-KUMMERĊ

24 ta' April, 1947.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

*Giuseppe Gauci versus Espedito Fenech*

**Arrest Personali — Dolo u Frode — Art. 359 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-Qorti tista' tilqa' t-talba għall-arrest personali tad-debitur meta jiġi pruvat li dan ikun ħati ta' għemil doluż jew ta' frode meta kkuntratta dejn, jew billi jkun ħeba jew neħħa ħwejġu biex jiffroda lill-kredituri.*

*L-għemil doluż fil-materja jrid ikun jikkonsisti f'xi ingann jew raġġiri li d-debitur jadopera bil-ħsieb li jagħmel ħsara, u li jkunu sufficjenti biex jissorprendu l-bona fidi tal-kreditur, li mingħajr dawn ir-raġġiri ma kienx jikkuntratta.*

*Għalhekk, sempliċi qidba li d-debitur ikun qal lill-kreditur mhix bizzejjed biex tiġġustifika dan il-provvediment, jekk ma tkunx akkompanjata minn xi qerq li bih bniedem ordinarju b'għajnejh miftuħa jista' jinqabad u jitqarraq.*

*Imma meta ma jkunx il-każ li l-Qorti tordna l-arrest personali għal dolo u frode, il-Qorti tista' tikkundanna lid-debitur għall-arrest personali sempliċi.*

L-attur fit-taħrika talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut jiġi kundannat iħallas u jirrestitwilu l-ammont ta' £230, bilanċ ta' £250 lilu mogħtija b'self fid-9 ta' Novembru 1946, bil-lukri kummerċjali; u in eżekuzzjoni tas-sentenza li tiġi pronunzjata fuq l-ewwel talba l-istess konvenut ikun kundannat għall-arrest personali għal frode u dolo. Bl-ispejjeż, flimkien ma' dawk tal mandati tas-sekwestru u tal-qbid kawtelatorji u ta' l-impediment tas-safar tal-24, 26 u 28 ta' Diċembru 1946;

*Omissis;*

Mill-provi rriżulta li l-partijiet kienu f'Tunes għan-negozju, imma ma kienux jafu lil xulxin. Il-konvenut ried jagħmel negozju ta' xiri ta' annimali biex iġibhom u jbigħhom f'Malta; iżda flus ma kellux; u biex jiddubbahom beda jgħid quddiem in-nies li ried jibgħat iġib £200, u mbagħad £200 oħra; u wara qal direttament lill-attur li kien sejjer iġib £200 minn

għand martu. L-attur interessa ruħu, u mingħajr ma kien mitlub offra li jisilfu l-flus jekk dan kellu x'jagħmel tajjeb. Il-konvenut wieġbu li kellu x'jagħmel tajjeb, u li kellu truck bi sħab ma' ħatnu, mingħajr ma tah dettalji. L-attur emmnu u silfu l-flus *spontaneament*.............. *Fil-fatti l-konvenut la* kellu trucks u lanqas x'jagħmel tajjeb, u ma kienx jistenna u lanqas seta' jistenna flus minn għand martu. L-attur ried li l-konvenut jiktiblu żiemel f'ismu, iżda l-konvenut ma aċċettax; u meta ġie Malta l-konvenut biegħ l-annimali u lill-attur ma ħallsux, għax skond ma xehed huwa stess, il-konvenut kellu djun li ħelgħu l-prezz kollu li ġieb tal-bhejjem;

Skond l-art. 359 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-Qorti tista' tilqa' t-talba għall-arrest personali meta jiġi pruvat li d-debitur kien ħati ta' għemil doluż jew ta' frode, jew fl-ikkuntrattar tad-dejn, jew billi ħeba jew neħħa ħwejġu sabiex jiffroda lill-kredituri. B'għemil doluż f'dan l-artikolu l-liġi tifhem id-"dolus malus" tad-Dritt Ruman kif ġie mfisser minn Ulpiano fuq l-awtorità ta' Labeone, fil-kummenti edittali. "Ipse sic definit dolum malum esse omnem calliditatem, fallaciam, machinationem ad circumveniendum, fallendum, decipiendum alterum adhibitam" (L. 1, § 2 de dolo, Dig. IV, 3);

U dina l-Qorti, fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Mejju 1899 in re "Mizzi vs. Zammit", ikkommentat dak l-artikolu, li allura kien numru 387, u qalet :— "Le parole 'dolo e frode' sono adoperate nell'articolo 387 del Codice di Procedura Civile nel senso di inganno o di raggiro adoperato dal debitore colla intenzione di nuocere, sufficiente a sorprendere la buona fede del creditore, e tale che senza di esso il creditore non avrebbe contrattato. Non può quindi bastare una semplice menzogna consistente nel dire al creditore, troppo corrivo a prestarvi fede, che una bottega appartenesse al debitore mentre in verità apparteneva ad altri" (Kollez. Vol. XVII—III—27). U l-Qorti ta' l-Appell ta' Trani, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Mejju 1884, in re "Mascitelli vs. Novelli", irriteniet li :— "Gli artifizi e raggiri diretti a trarre in errore l'altro contraente debbono avere carattere di serietà e gravità". Fil-waqt li l-Qorti ta' l-Appell ta' Perugia, fis-sentenza tal-21 ta' Diċembru 1879 in re "Bozzo vs. Cimorra et.", irriteniet illi :— "Non tutte le malizie che si adoperano per persuadere della convenienza di

una compra, di una vendita, di una società, come della onestà e solvenza del nome di un debitore, costituiscono artifizi fraudolenti, perchè per essere tali devono essere adatti a sorprendere ed ingannare la diligenza del padre di famiglia; e chi è in colpa nelle trattative degli affari suoi non può rimproverare di dolo chi ebbe a trattare con esso'' (Fadda—Giurisprudenza sul Codice Civile, articolo 1115, numeri 44 e 53);

Minn dan li ġie rilevat jidher li mhux kull gidba tikkostitwixxi d-dolo u frode li tikkontempla l-liġi għall-finijiet ta' l-arrest, iżda jrid ikun hemm xi qerq li bih bniedem ordinarju b'għajnejh miftuħa jista' jinqabad u jitqarraq. Infatti ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 1920, in re ''Carrana vs. Mifsud et.'', li ma kienetx biżżejjed biex tikkostitwixxi d-dolo l-asserzjoni da parti tal-mutwatarju li dan ried il-flus għan-negozju, u li kellu krediti u proprjetà f'pajjiż ieħor, għax dawk l-asserzjonijiet ma kienu mwettqin minn ebda debra ta' verità (Kollez. Vol. XXIV—V—1047);

Fil-każ tal-kontendenti, fid-diskors tal-konvenut kien hemm il-gidba li kellu x'jagħmel tajjeb u kellu, huwa u ħatnu, truck mal-Militar; iżda għemil qarrieqi, doluż, ma kienx hemm; u l-attur wera leġġerezza liema bħalha meta mar joqgħod fuq sempliċi kelma ta' bniedem li lanqas kien jaf, meta lanqas staqsa għalih, meta seta' jinduna li ma kienx bniedem tat-tajjeb mill-mod kif weġbitu u ħelset minnu oħt dak il-bniedem; u b'dan kollu, mingħajr ma ġie mitlub, l-attur stess mar joffrilu li jisilfu l-flus fil-għama. Taħt dawk iċ-ċirkustanzi l-Qorti ma tarax fil-kontrattazzjoni tad-dejn l-għemil doluż li trid il-liġi; għax tonqos is-serjetà u l-gravità; u għalhekk mhux il-każ li l-Qorti tordna l-arrest minħabba għemil doluż u frode. U lanqas ma rriżulta li l-konvenut ħeba jew neħħa ħwejjeġ biex jiffroda lill-attur;

Iżda kif ġie ritenut kostantement minn dawn il-Qrati, it-talba għall-arrest minħabba dolo u frode tirrakkjudi ġo fiha t-talba iċken għal ta' l-arrest sempliċi kummerċjali (ara sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' April 1920 in re ''Caruana vs. Mifsud et.'', Vol. XXIV—III—792);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-ewwel talba, u tiċħad it-talba għall-arrest għal għemil doluż

jew frodi, iżda tilqagħha għall-arrest sempliċi kummerċjali. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.